**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 30 – IT-TNEJN 27 TA' LULJU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiÐÐju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | ViÐi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgÓax jattendi gÓal din il-laqgÓa.

Is-Sindku Anthony Dalli taha l-kondoljanzi lill-Kunsillier Margaret Zammit għan-nom tiegÓu, tal-Kunsilliera u l-istaff kollu w l-familji dwar it-telfa' ta' ommha.

Il-Kunsillier Margaret Zammit irringrazzjatu ta' dan il-ħsieb u għal kull min attenda l-funeral. Irringrazzjat il-Kunsill wkoll għal fjuri li bagħtu.

Is-Sindku ta l-kondoljanzi wkoll lis-Sinjura Isabelle Formosa, impjegata mal-Kunsill Lokali dwar it-telfa ta' missierha.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru disa' w għoxrin ( 29) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-14 ta' Lulju u s- 27 ta' Lulju 2009.

2.2. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal- korrispondenza Nru. 14/07/-08 fejn qal li l-AssoĐjazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qed tilqa' suġġerimenti mingħand il-Kunsill dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant min għandu xi suġġerimenti validi x'jagħmel gÓandu jgħaddihom lill-Kunsill.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 21/07/-03. Din kienet ittra mingÓand resident dwar l-inĐident ikrah tal-Maypole fi Triq Geronimo Abos u x'beħsiebu jagħmel il-Kunsill biex jnaqqas il-periklu.

2.4. Is-Sindku Anthony Dalli ġibed l-attenzjoni fuq l-ittra li bagħat is-Segretarju lil-Lija/Iklin Football Youth Nursery fuq in-nominazzjoni tar-rapprezentant tal-kunsill Lokali. Hu talab lis-Segretarju biex jibgħat kopja lil-President tal-Lija Athletic Football Club.

2.4 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 24/07/-1. Din kienet ittra li kiteb is-Segretarju lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar it-Tender tas-Servizzi Klerikali. Hu staqsa jekk il-Kunsill setgħax jimpjega l'istess persuna fuq bażi "part-time" peress li kien hemm xi restrizzjonijiet fir-Riforma tal-Kunsilli.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

Dan l-item tal-Agenda ġie maqbuz peress li r-Rapport ma kienx ippreparat għal din il-laqgħa.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah l-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 06538/07 Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos. Biex tinħatt id-dar u bini ta' garaxxijiet, storage, ħanut, appartamenti fl-ewwel u t-tieni sular, penthouse, lift u tabella. L-applikazzjoni ġiet differita għal aktar informazzjoni mingħand il-Perit.

5.3 Dwar PA 02021/08 Sit off Triq Prinjol. Bini ta'żewġ semi-detached bungalows u basements taħt u swimming-pools. L-applikazzjoni ġiet differita għal aktar informazzjoni mingħand id-Direttorat.

5.4 Dwar PA 01237/09 Shalom, 13, Triq May Butcher. Biex jiġu approvati l-pjanti ( tal-bitħa ta' wara) tal-maisonette t'isfel. Kien hemm rakkomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Kien hemm applikazzjoni ġdida:
PA 02917/09 . Plot 4, Triq il-Wied. Biex tinbena bungalow, semi-basement u swimming-pool.

5.6 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagĠmlu oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni:
PA 02350/09 Maġenb Russel Buildings, Triq in-Naxxar. Alterazzjonijiet ġewwa u barra biex jinqaleb ħanut f'żewġ ħwienet klassi 4.

5.7 Is-Sindku Anthony Dalli ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li sa fejn jiftakar il-konsulent tal-Kunsill meta jkun hemm applikazzjoni ta' ħanut dejjem tagħna parir li niktbu lil-Mepa dwar il-parkeġġ. Għalhekk stqarr li hekk għandu jsir bla eċċezzjoni għal kull applikazzjoni. Kien hemm qbil li nikkonsultaw mal-konsulent.

5.8 Għaldaqstant talab lis-Segretarju jikteb minnufih lil-Konsulent biex jieħu l-parir tiegħu.

## 6. XIRI TA' PHOTOCOPIER ĠDIDA.

6.1 Is-Segretarju qassam "Schedule" lil kull membru tal-Kunsill bi tlett kwotazzjonijiet kif titlob il-liġi tal-kunsill Lokali meta l-ammont jaqbez €1165 iżda mhux aktar minn €4659.

6.2 Il-Kunsill Lokali irċieva dawn il-kwotazzjonijiet:

| | Photocopier ġdida. | Agreement |
|---|---|---|
| a.Alfa Office Centre (SHARP) | €1500 | €2735 |
| b.Avantech (CANON) | €1596 | €3829 |
| c.Strand Electronics(Kyocera) | €1846 | €3227 |

6.3 Kif jidher mit-tabella ippreżentata, id-Ditta Alfa Office Centre qed toffri l-aħjar prezz. L-isem tad-ditta huwa magħruf għaliex Sharp hija ditta antika. Jidher ukoll li l-Agreement tagħhom huwa l-irħas, iżda l-Kunsill mhux sejjer jintrabat għal-manteniment tal-photocopier għall-ewwel sentejn tal-garanżija.

6.4 Għaldaqstant il-Kunsill ikkonferma li sejrin nixtru tad-ditta Sharp iżda qabel nibgħatu għar-rappreżentant biex jkkonferma l-offerta li għamel b'aktar tagħrif fid-dettal. Kulħadd qabel unanimament ma' din il-proposta.

Doc D. anness.

## 7 KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

7.1 Is-Sur Dalli staqsa lis-Segretarju biex jagħmel appuntament mal-Enforcement Officer tal-Mepa tad-distrett tagħna fuq żewġ Enforcement Notices wara li kellu aktar ilmenti mir-residenti.

7.2 Dawn kienu ECF. 749/09 fuq is-sidien tal-Liquid Club ġewwa Triq Gharghur u ECF. 0203/07 fuq 18, Lorraine Cottage Triq il-Wied. Għalkemm kien hemm Enforcement Notice fuq iż-żewġ postijiet, dawn ma ġewx infurzati. Il-Kunsill ma setgħax jistenna iżjed u ried li tittieħed azzjoni immedjata.

7.3 Talab lis-Segretarju biex jieħu passi immedjati fuq bozza 1-28 li hemm ma' ύajt ta' razzett fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Wied.

7.4 Irrefera wkoll għas-sinjali taż-żebgħa sofor li kien għadu kif għamel il-ħaddiem tal-Kunsill f'parti żgħira fi Triq Ċensu Bugeja. Hu qal li issa dawn ġew jidhru wisq u hemm bżonn li niżbgħu wkoll il-kumplament tat-triq, biss, minn Triq Naxxar sa Triq Stefano Erardi. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

7.5 Is-Sur Dalli irrefera wkoll għal kaptelli li tkissru fi Triq Naxxar service road u mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill dan tkissru mill-ħanut ta' quddiemhom peress li dawn jitilgħu fuq il-bankina biex iħottu. Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jerġa jinfurmahom verbalment u b'ittra biex jirranġawhom u jżommuhom responsabbli ta' xi inċident.

7.6 Is-Sindku talab ukoll biex is-Segretarju jagħmel

appuntament mal-Ministru l-Onor. Austin Gatt biex jitkellem miegħu fuq żewġ toroq problematiċi, dik ta' Triq Richard Taylor u Triq May Butcher li wara ħafna snin għadha ma' nstabitx soluzzjoni biex jitwessgħu.

8. **AĠĠORNAMENT.**

8.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30 pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 24 ta' Awissu 2009 fil-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 27 ta' Awissu 2009 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv